MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2002

Numru.

**Il-Pulizija**
(Spettur Raymond D'Anasatas)
**vs**
**Emanuel Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emanuel Mifsud, ta' 19 il-sena, bin Joe u Effie nee' Parker, imwieled l-Ingilterra fit-8 ta' Mejju 1983 u temporanjament residenti f'numru 18, "Carric House" Triq it-Turretta, Santa venera u li ghandu l-ID 424997 M;

Talli fit-22 ta' Lulju 2002 gewwa Hal-Qormi, ghall-habta tat-8.30 pm, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' membri tal-Korp tal-Pulizija u cioe' is-Surgent 487, PC 243, PC 747 u WPC 44, liema persuni huma

nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi waddab gebel jew hwejjeg ohra iebsin ghall-istha, bjut, twieqi, bibien, btiehi, fanali, hitan tad-djar ta' haddiehor, jew ta' bini iehor;

U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, ghad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti u fl-ahhar talli volontarjament, kiser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat li fis-seduta ta' illum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati izda tilliberah bil-kundizzjoni li fi zmien sentejn mil-llum ma jghamilx reat iehor ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152.

Il-Qorti spjegat lill-imputat is-sinifikat tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152.

Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

--------------------------------TMIEM--------------------------------